**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 427/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Polidano Alexander**

Illum 31 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alexander Polidano detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 207371(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tad-9:00 hrs u fil-lejl ta' qabel ġewwa l-fond 54, Pangaea, Triq ix-Xagħra ta' Barra, Mellieħa:

1. Għamel lil martu Kristina Polidano inġurji u/jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien ipprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazjoni;

2. U aktar talli bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Martu Kristina Polidano tibża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

3. U aktar talli bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil Kristina Polidano tħallas dejn, jew tesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill-istess

Kristina Polidano fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew ħatt bini, jew b'xi mod ieħor kontra l-liġi ndaħal fi ħwejjiġha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Novembru, 2018 fejn wara li rat l-Artikoli 339 (1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, minflok piena, rabtitu b'obbligazzjoni personali għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' elf ewro (€1000) u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza li jifforma parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Alexander Polidano ppreżentat fil-5 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat, u tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati u minflok tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant, fl-uniku aggravju minnu ntentat jisħaq illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti meta tat affidament lil verzjoni moghtija minn martu l-parti leza, izda imbaghad ghaddiet sabiex sabitu hati unikament tal-ewwel imputazzjoni filwaqt illi illiberatu mill-bqija

tal-akkuzi lilu addebitati. Dan juri illi l-parti leza allura ma kenitx kredibbli fil-verzjoni taghha tal-fatti.

Illi fid-dawl tan-natura ta' dan l-aggravju tajjeb li din il-Qorti tfakkar illi ma hijiex fis-setgha taghha li tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha u dan wara li jsir apprezzament approfondit minnha unikament ghal dan il-fini.[1].

Illi mhux biss izda l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi setghet taghti affidament lil verzjoni tal-kwerelanti u dan meta l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti sabiex tinstab htija fil-persuna akkuzata[2]. Imbaghad l-artikolu 637 iħalli fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, wara li jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ…' sabiex jizen il-kredibbilita ta' dak ix-xhud.[3]

Tant hu hekk illi gie kemm il-darba deciz illi[4]:

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

[3] Ara is-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs. Joseph Bartolo deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[4] Il-Pulizija vs Joseph Thorne deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono.

**‘..mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f’ kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il- kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f’ hix ser temmnu jew ma temmnux’.**

Ikkunsidrat:

Ezaminati mill-gdid l-atti probatorji u dan sabiex jigi mistharreg l-ilment ventilat mill-appellant jirrizulta illi bejn il-koppja Polidano hemm prblemi matrimonjali serji tant illi jidher li l-ko-abitazzjoni bejniethom ma baqghetx aktar possibbli minhabba dan id-disgwid. Illi fil-jum tas-6 ta’ Mejju 2017 għall-ħabta tal-11:00hrs, Kristina Polidano rrappurtat lill-pulizija illi fil-jum ta’ qabel u cioe’ nhar il-5 ta’ Mejju 2017 għall-ħabta tat-20:30, l-appellant kien qed jipprova jikkonvinciha sabiex ma jinfirdux u jisseperaw. Fost diskors li beda jinghad mill-appellant huwa beda jakkuzaha li kellha tumur f’moħħha minħabba l-fatt li l-komportament tagħha ma kienx wieħed normali. Ghalkemm il-kwerelanti tghid li għażlet illi tinjora dan id-diskors, l-appellant madanakollu baqa’ jippersisti ghal ħin twil f’dan is-sens ghalkemm bdiet tindikalu illi kellha bżonn taħdem. Tishaq illi l-appellant segwieha ghas-salott fejn hi bdiet tahdem fuq il-*laptop* taghha u beda jgħolli leħnu u jgħidilha illi ma kienx ser iċedilha. Meta l-kwerelanti baqghet tinjorah hu qabdilha l-*laptop* u sabbattulha mal-art tant illi dan ma baqax jahdem. In oltre qabel dahhlet torqod l-appellant ipprova wkoll joħdilha c-cellulari taghha, iżda ma rnexxielux. Tikkontendi izda li l-appellant rega’ avvicinaha ghal habta ta’ bejn 00:00hrs u 00:30hrs bil-ghan li jipprova jikkonvinċiha biex ma titilqux u li dan kien kapriċċ tagħha tant li r-rapporti ta’ vjolenza domestika li kienet għamlet fil-konfront tiegħu kienu kollha foloz. Meta hi gharrfitu sabiex ikellimha biss fil-presenza tal-avukati, l-appellant beda jheddidha li t-tfal ma kienitx ser teħodhom anki jekk kellu jitfalgħha *bullet* ġo għajnejha.

L-għada filgħodu imbaghad l-appellant innota li l-kwerelanti kellha xi tbenġila f’saqajha u dahhalha f’moħħu li kien qed ikollha relazzjoni extra-konjugali ma’ terza persuna tant li beda jheddidha li hekk jikkonferma dan

il-fatt rasha kienet ser tispiċċa fuq platt. Qallha wkoll illi jekk jegħreq hu, jnizzilha miegħu. Dawn il-fatti jigu kkonfermati mill-kwerelanti bil-gurament quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi huwa minnu kif jikkontendi l-appellant illi huwa gie akkuzat b'diversi reati fosthom dak tal-fastidju u r-reat tal-hekk imsejjah *raggion fattasi* mil-liema akkuzi huwa gie illiberat. Billi ma kienx hemm appell minn din il-liberatorju, isegwi li l-Qorti hija prekluza milli tindaga il-veracita' tal-fatti marbuta ma' dawn l-imputazzjonijiet ghalkemm l-appellant qed jistieden lil Qorti taghmel dan sabiex tizen il-kredibbilita' o meno tal-verzjoni mressqa 'il quddiem mill-kwerelanti. Jinghad biss illi l-elementi mehtiega fil-ligi ghal kull reat addebitat lill-appellant huma differenti u li 'l wahda ma tiddependiex mill-ohra ghal fini ta' prosekuzzjoni, u kwindi l-Ewwel Qorti setghet liberalment issib htija ghal uhud mill-akkuzi u tillibera minn ohrajn, kif fil-fatt ghamlet.

L-appellant gie misjub hati tar-reat kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

> **'Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.'[5]**

U ukoll::

> **Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed**

[5] Pulizija vs Joseph Frendo deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kif ippreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar is-7 ta' Lulju 1995.

> **jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "*e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace*" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.**[6]

Illi jibda biex jingħad, qabel kull konsiderazzjoni ohra dwar l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kellha quddiemha, illi mill-provi li kien hemm fl-atti huwa bil-wisq evidenti illi l-elementi ghar-reat tal-fastidju kif mahsub fl-artikolu 251B, kif ukoll ghar-reat mahsub fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma kenux jissussistu. Dan ghaliex la kien hemm prova tal-hekk ismejjah *course of conduct* illi huwa element essenzjali sabiex tinstab il-ħtija ghall-ewwel reat u lanqas ma jikkonkorru fatti li jwasslu ghal sejbien ta' htija ghar-reat tar-*raggion fattasi* meta l-Prosekuzzjoni tonqos milli tressaq provi fir-rigward marbuta mal-allegat tehid ta' xi cwievet mill-appellant u in-negazjoni ta' access liberu ghad-dar matrimonjali favur il-kwerelanti.

Dan izda ma jfissirx illi ma kienx jirrizulta r-reat kontravvenzjonali enkapsolat fl-ewwel imputazzjoni u l-Ewwel Qorti kienet libera li tiddeċiedi liema verżjoni kienet l-aktar verosimili. Illi din il-Qorti tistqarr illi ma tista' issib l-ebda mottiv li jista' iggieghel titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta din ghogobha taghti affidament lil verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-kwerelanti li kienet konsistenti tul id-deposizzjoni taghha, liema verzjoni hija identika ghal dik moghtija lil pulizija *a tempo vergine* meta sar ir-rapport. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi wara d-diskors persistenti minn naha tal-appellant dirett lejn martu u n-nuqqas ta' widen li inghata lilu minnha, huwa wasal sabiex f'mument ta' rabbja, u anke fid-disperazzjoni li kellu sabiex martu ma tinfiridx minnu, qal diskors ta' theddid fil-konfront taghha sabiex izommha milli titilqu. Fil-fatt essenzjalment l-verzjoni moghtija minnu fix-xiehda tieghu tikkombacja mal-kwadru tal-fatti moghtijia mill-kwerelanti ghajr ghad-diskors inkriminanti ta' theddid li inghad minnu fil-konfront taghha.

[6] Il-Pulizija vs Joseph Gauci deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) u ppreseduta mill-Imħallef Vincent Degaetano nhar it-12 ta' Ġunju 2003.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

It-terminu ta' sena impost mill-Ewwel Qorti ghar-rigward tal-garanzija taht obbligazzjoni fit-termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, ghandu jibda jiddekorri mil-lum.

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur